Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 24**

**Data:** It-Tlieta, 19 ta' Diċembru 2023
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Online**
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru

**Skużati**
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

**24.1 Ittri ta' apoloġiji**

24.1.1 Il-President semma li s-Sur Anthony Chircop, is-Sur Max Zammit u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati. Filwaqt li s-Sur Jesmond Aquilina talab li jattendi għal-laqgħa b'mod virtwali.

24.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżel bħala skużat.

**24.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 23**

24.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

24.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Kav. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**24.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 24**

24.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u s-Sur Steven Axisa, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-25 t' Ottubru 2023 u d-19 ta' Diċembru 2023 li kienet tammonta għal €212,430.64.

**23.4 Komunikazzjoni mill-President**

| | |
|---|---|
| **24.4.1 CLGF** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni attendiet għall-konferenza ġewwa Brussell u li ltaqgħet ukoll ma' rappreżentanti ta' CLGF ġewwa Brussell fejn ingħata rendikont tax-xogħol li qed tagħmel CLGF kif ukoll aġġornament fuq il-konferenza li kien hemm ġewwa r-Ruwanda. |
| **24.4.2 Focus Europe** | Il-President semma li l-għada filgħodu kienet ser issir laqgħa ma' rappreżentanta ta' Focus Europe li kienet tinstab Malta. Semma li kien ser ikun iffirmat l-MoU bejn il-partijiet kif ukoll ser tkun qed titħallas il-membership. |
| **24.4.3 RIGHTS** | Il-President semma li fil-bidu ta' Diċembru kien ġie mniedi l-proġett RIGHTS mill-Malta Foundation for Social Wellbeing. Semma li minn Jannar ser ikunu qed isiru l-preparamenti kollha |

sabiex jinbeda t-taħriġ għall-Kunsilli Reġjonali u Lokali.

| | |
|---|---|
| **24.4.4 Midalja għall-Qadi tar-Repubblika** | Il-President fakkar li nhar 13 ta' Diċembru 2023, l-Assoċjazzjoni ġiet ippremjata mill-Istat, b'Midalja għall-Qadi tar-Repubblika. Il-President semma li kif diġa rrimarka fid-diskorsi preċedenti tiegħu fuq is-suġġett huwa kien qed jipproponi li jiġu mfakkra l-Membri tal-Eżekuttivi li ħadmu fl-Assoċjazzjoni fil-passat. Semma li dan l-unur huwa wieħed kollettiv u juri l-ħidma tal-Assoċjazzjoni dawn l-aħħar tletin sena. Semma li ser tkun qed tiġi ppubblikata stqarrija li tiġi annessa mal-Minuti.<br>Fuq proposta tal-Presidenti ssekondata mis-Sur Jesmond Aquilina semma li ser tiġi ordnata showcase tal-ħġieġ sabiex titpoġġa l-midalja fiha. |
| **24.4.5 Road Vegetation Control Committee** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ġiet imsejħa tibda tattendi l-laqgħat ta' dan il-Kumitat. Semma li l-irwol ta' dan il-Kumitat ser ikun sabiex ikun hemm aktar kontroll fuq ilmenti jew bżonnijiet ta' tneħħija ta' ħaxix selvaġġ mit-toroq maġġuri. |
| **24.4.6 Żjara ta' Kortesija lill-Prim Ministru** | Il-President semma li s-Sindki u l-Presidenti Reġjonali ġew mistiedna għal żjara ta' kortesija mill-Prim Ministru f'għeluq it-tletin sena tal-Kunsilli Lokali. |
| **24.4.7 Proġetti fil-Komunitajiet – LESA** | Il-President semma li kien hemm t-tnedija ta' 3 miljun Euro fuq tliet snin sabiex il-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni japplikaw għall-fondi għall-proġetti fil-komunita'. Il-President semma li aktar dettalji ser ikunu maħruġa mill-Aġenzija LESA fuq il-kriterji għall-applikazzjonijiet. |
| **24.4.8 Christmas Get Together – 16 ta' Diċembru** | Il-President semma li l-attivita' kienet ta' suċċess. Semma wkoll li ngħataw xi rikonoxximenti lis-Segretarju Permanenti, is-Segretarju Parlamentari, lis-Sur Natalino Attard li kien ser jirtira mill-kariga ta' Direttur Ġenerali kif ukoll lis-Sa. Elke Sghendo li kienet ser tispiċċa mill-kariga tagħha ta' Segretarju Eżekuttiv. |
| **24.4.9 Get Together – Għawdex – 17 ta' Diċembru** | Il-President semma li l-attivita' kienet ta' suċċess u għall-ewwel darba f'Għawdex attendew għal din l-attivita 160 persuna kollha mill-Kunsilli Lokali f'Għawdex u ħaddiema tad-Diviżjoni ġewwa Għawdex. |
| **24.4.10 Christmas Family Fun Fair – 13 ta' Diċembru** | Il-President semma li l-festin tal-Milied ta' tfal, din id-darba ingħata bixra differenti, semma li kienet ġiet organizzata ġurnata għall-familja. Semma li din l-attivita' kienet ta' suċċess |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

fejn għaliha attendew mal-250 persuna.

| | |
|---|---|
| **24.4.11 Christmas Teambuilding** | Il-President semma li kienu għaddejjin il-preparamenti kollha sabiex nhar 21 ta' Diċembru jinżamm teambuilding għall-Kunsilli u r-Reġjuni kollha. |
| **24.4.12 Seminar MIEMA** | Il-President semma li kien ġie organizzat seminar mill-MIEMA għall-Kunsilli u r-Reġjuni. Semma li l-attendenza kienet waħda baxxa wisq. |
| **24.4.13 Business Disability Forum** | Il-President semma li kien hemm laqgħa oħra ta' Disability Forum organizzata mis-CRPD. Semma li l-Assoċjazzjoni kienet preżenti. |
| **24.4.14 Social Responsability Survey** | Il-President semma li wara l-laqgħat li kienu saru ġewwa Brussell, l-Assoċjazzjoni kienet magħżula minn kuntrattur li qed jaħdem mal-Kummissjoni Ewropea fuq dan il-binarju sabiex l-AKL tkun National Contact Point ta' proġett fuq taħriġ għal tnax-il membru stat tal-UE.<br>Semma li dan is-survey ġie ċċirkulat mal-Kunsilli Lokali u Reġjonali. |
| **24.4.15 Timed / Residential Parking** | Il-President semma li hemm seba' Kunsilli Lokali li taw proposti konkreti u li l-applikazzjonijiet tagħhom qed ikunu diskussi fuq livell ta' Kumitat.<br>Is-Sur Stephen Sultana semma li l-akbar problema hija meta Kunsill irid iġib no objection ta' entitajiet oħra bħalma huma skejjel. Dan għaliex diġa kien hemm proċess fil-passat li kellu jitwaqqaf minħabba Union tal-għalliema daħlet il-pożizzjoni tagħha. |
| **24.4.16 Magni tal-Knis** | Il-President semma li irċieva komunikazzjoni minn kuntrattur li għandu magni tal-Knis li jistgħu jinkrew fis-sena. Semma li min għandu bżonn il-kuntatt għandu jibgħat lill-Assoċjazzjoni ħalli jgħaddihulhom.<br>Is-Sur Jesmond Aquilina semma li għandu jkun hemm komunikazzjoni mal-Cleansing Department fejn tingħata lista tal-lokalitajiet li ser ikunu qed jibbenifikaw mill-electrical sweepers li investa fihom il-Gvern Ċentrali.<br>Il-President semma li għandu laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Ambjent u ser ikun qed jistaqsi.<br>Is-Sur Sandro Azzopardi semma li ser jintużaw f'lokalitajiet li Cleansing diġa jagħmel il-knis fihom. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

| | |
|---|---|
| | Kien hemm diskussjoni fuq il-problema li l-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali mhix qed tkun suffiċjenti kemm biex il-Kunsill jagħti servizz tal-knis kif mistħoq kif ukoll biex iħalsu s-servizz ta' ġbir ta' skart. |
| **24.4.17 Direttiva 2/2023 – Uffiċjali Maniġerjali** | Il-President semma li kienet saret laqgħa bejn il-Presidenti u d-Diviżjoni u li ser tkun qed toħroġ direzzjoni lir-Reġjuni. |
| **24.4.18 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li ser ikun qed jiġi organizzat f'Malta, il-Laqgħa Ġenerali Annwali tar-Rotta tal-Feniċi. Semma li dawn ser ikunu Malta bejn 15 u 17 ta' Marzu 2024. Il-President semma li l-Assoċjazzjoni intalbet sabiex tikkordina l-loġistika ta' dawn il-laqgħat. |
| **24.4.19 CEMR Policy Meeting** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni talbet il-Kumitat li kien ġie maħtur sabiex jattendi għal-laqgħa ġewwa Praga. Semma li d-delegazzjoni Maltija resqet emenda mal-Policy Paper preżentata u din l-emenda ġiet milqgħuha mill-Policy Committee. Emenda annessa mal-Minuti u mmarkata Dok A. |
| **24.4.20 Ombudsman** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed tkun ikkupjata b'komunikazzjoni mill-Ombudsman li qed jibgħat lill-entitajiet bħal Infrastruttura Malta wara lmenti li jidħlu mir-residenti. |
| **24.4.21 INDIS** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet irċeviet kopja draft tal-lease agreement u li kien ser jintbagħat lill-avukat tal-Assoċjazzjoni għall-parir. |
| **24.4.24 Back to Basics Seminar** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet organizzat seminar nhar il-25 ta' Nobvembru fejn kien diskuss l-irwol tal-Assoċjazzjoni. Semma li ser ikomplu laqgħat interni anki mal-moderaturi li mexxew il-workshops sabiex l-Assoċjazzjoni toħroġ l-Mission statement tagħha. Filwaqt li jiġi propost ukoll l-istrutturar li hemm bżonn li jsir sabiex l-Assoċjazzjoni taħdem b' mod aktar effettiv. |

**24.5 Performance Appraisals 2023**

24.5.1 Il-President preżenta l-Performance Appraisails tal-ħaddiema fi skala 10, 13 u 16. Il-President semma li r-rapporti ġew preżentati wkoll lill-ħaddiema fuq bażi individwali u kien hemm ukoll diskussjoni magħhom.

24.5.2 Il-President semma li fil-bidu ta' Jannar ser jinżamm staff meeting b'mod informali għall-ħaddiema sabiex flimkien anki f'dan il-ħin jiddiskutu b'mod informali dak li sar fis-sena 2023 u pjan għas-sena 2024.

24.5.3 Il-President propona li l-ħaddiema ta' CIES jingħataw ukoll bonus tal-ħidma tagħhom. Il-President semma li minkejja d-diżabbilita' dawn il-ħaddiema jagħmlu ħilithom u huma leali lejn l-Assoċjazzjoni. Fuq proposta tal-President, Kav. Paul Farrugia issekonda din il-proposta u l-Eżekuttiv qabel.

24.5.4 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex toħroġ mil-laqgħa ħalli jkun jista' jiġi diskuss l-appraisal tas-Segretarju. Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mil-laqgħa u l-laqgħa marret għal stadju ta' Kumitat.

24.5.5 Il-President sejjaħ lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tidħol għal-laqgħa, talab lis-Segretarju sabiex tieħu nota li l-Eżekuttiv approva 10% tal-performance bonus u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tieħu nota u tibgħat korrispondenza lid-Diviżjoni għall-approvazzjoni tal-kumplament tal-persentaġġ tal-bonus.

**24.7 Affarjiet Oħra**

24.7.1 Is-Sur Sandro Azzopardi xtaq iressaq osservazzjoni fuq dibattiti li qed iqumu fuq in-Naħla Maltija. Semma li l-Għaqda Nazzjonali tan-Naħal Malta qed tipproponi l-istatus ta' naħla Maltija li din ser taffettwa lill-Għaqda Trobbija tan-Naħħala fejn ser ikollhom affetwata wkoll il-produzzjoni. Semma li jekk in-naħla Maltija tingħata status ser ikun hemm problema b'min irabbi jew jimporta n-naħal għall-produzzjoni.
Il-President semma li m'hemm l-ebda oġġezzjoni li tingħata ittra ta' sapport lill-Għaqda Nazzjonali tan-Naħal imma jrid ikun hemm ukoll salvagward għal min għandu delizzju ta' dan it-tip.

24.7.2 Kav. Paul Farrugia xtaq jiġbed l-attenzjoni li bħala Reġjun ġie imwaqqaf milli jagħmel ġemellaġġ għaliex id-Diviżjoni infurmat li r-Reġjuni ma jistgħux jissieħbu f' ġemellaġġi.
Is-Sur Charles Bonello semma li għandha tiġi analizata sew il-liġi għaliex il-liġi tal-Kunsilli Lokali tapplika fl-intier tagħha għall-Kunsilli Reġjonali.

**24.8 Aġġornament**

24.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
T:
E:

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.25 li nżammet nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok A

**Roberta Carabott**

| | |
|---|---|
| **From:** | Lianne Cassar |
| **Sent:** | 28 December 2023 11:18 |
| **To:** | Roberta Carabott |
| **Subject:** | FW: Report -CEMR |

Pls print

**From:** Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Sent:** Friday, December 22, 2023 10:53 AM
**To:** Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt>
**Subject:** Fwd: Report -CEMR

Din biex naghmluha mal minuti tal laqgha li ghaddiet

Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

---------- Forwarded message ---------
From: **Clifford Galea Vella** <cliffordgalea@gmail.com>
Date: Thu, Dec 21, 2023 at 6:11 PM
Subject: Report -CEMR
To: Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
Cc: Angelo Micallef <angelo.micallef@gmail.com>, Max Zammit <mzam99@gmail.com>, Regjun Tramuntana <regjun-tramuntana.dlg@gov.mt>

Dear President Mario Fava,

Between the 6th and the 8th of December 2023, as President of the North Region, together with Mayors Max Zammit of Ta' Xbiex and Dr Angelo Micallef of Balzan, we attended an exciting Policy Debate for The Council of European Municipalities and Regions (CEMR) Policy Committee Meeting in Prague.

The main topic was: Powering the Future - Europe's Climate and Energy Policies through Multi-Level Governance.

Amongst the Speakers: Gunn Marit Helgesen, Doc. MUDr. Bohuslav Svoboda, CSc., Italo Colantone, Matthew Baldwin, Colin Scicluna, Kamila Bláhová, Melanie Lepoultier and Fabrizio Rossi all gave their contribution in suggestions and presented the opportunity for all of us present, to explore the challenges and solutions with their expertise.

We also looked into insights from CEMR's upcoming study on "Local and Regional Governments in Climate and Energy Policies." As the Maltese delegation supported by the Local Councils Association (AKL) we suggested an amendment to be included in the Prague Decleration.

It read: "Further strengthen the involvement of children which has been widely recognised as a fundamental right. Children's participation encompasses various dimensions of their engagement, with a strong connection to the Convention on the Rights of the Child and make this a cornerstone of vital discussions affecting children both in the present and the future."

This proposal was accepted and included right away in the decleration. The Prague Declaration became official after a lot of discussion and skillful negotiation amongst those present and also signed.

As Maltese representatives, we are proud and happy that we collaborated together with other fellows and we helped in shaping the future of sustainable energy together.

This event was also possible thanks to CEMR Member Association, the Union of Towns and Municipalities of the Czech Republic (SMO) who hosted us and organised the meeting and all our colleagues that made all the efforts for this to happen.

Cifford Galea
President North Region/ Reġjun Tramuntana December 2023

Best regards,

**Clifford Galea Vella Maslennikov**
M.A Baroque Studies (melit.), B.A (Hons) History (Melit.), PGCE, Dipl. LCM, CSJ, OMU

President - Reġjun Tramuntana

+356 7928 4703
Fb page: Clifford Galea
Instagram: galeaclifford
Fb vids: Ma' Clifford